MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 855/2004

**Merlin International Ltd**

**vs**

**Mauro Anastasi u Middlesea Insurance plc**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fid-9 ta' Novembru, 2004, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

Is-socjeta' attrici tiggestixxi negozju ta' kiri ta' vetturi, liema vetturi huma assikurati mas-socjeta' konvenuta *Middle Sea Insurance plc*, skond ma jidher mill-Polza relattiva, li kopja taghha hija hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. A;

Il-konvenut kera l-vettura tat-tip *Peugeot 206 X Line 5 1.4*, li kienet iggib in-numru ta’ registrazzjoni VIK 311, u dan skond ma jirrizulta mill-kuntratt ta’ kiri relattiv, datat 16 ta’ Settembru, 2003, li kopja tieghu hu hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. B;

L-istess vettura, li kienet attrezzata sahansitra b’*unit* ta’ l-arja kondizzjonata, kienet ghadha kemm inxtrat mis-socjeta’ attrici ftit xhur qabel, u *cioe’* fil-11 ta’ April, 2003, skond ma jidher mid-Dokument ta’ Registrazzjoni ta’ Vettura relattiv, li kopja tieghu hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. C, u dan versu l-prezz ta’ erbat elef, sitt mija u hamsin Lira Maltin (Lm4,650.00) skond ma jidher mill-kuntratt relattiv, li kopja tieghu hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. D;

Nhar it-23 ta’ Ottubru, 2003, il-konvenut Mauro Anastasi rrapporta l-vettura *de quo* bhala misruqa, u dan skond ma jidher mir-Rapport relattiv tal-Pulizija, li kopja tieghu hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. E;

Mill-istess Rapport tal-Pulizija (Dok. E), jirrizulta illi l-konvenut Mauro Anastasi halla c-cavetta fl-*ignition* tal-vettura *in kwistjoni*;

Il-konvenut Mauro Anastasi ressaq it-talba tieghu, ghall-indennizz lis-socjeta’ konvenuta *Middle Sea Insurance plc*;

B’danakollu, is-socjeta’ konvenuta *Middle Sea Insurance plc* qieghda tinvoka l-Klawsola Numru erbgha (4) tal-Kundizzjonijiet tal-Polza ta’ Assikurazzjoni relattiva (Dok. A), u senjatament illi *“The Insured shall take all reasonable steps to safeguard the motor vehicle from loss or damage”* u qieghda *kwindi* tirrifjuta illi tonora t-talba lilha maghmula, kif jista’ jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Il-vettura *in kwistjoni* baqghet ma gietx ritrovata, u *kwindi* s-socjeta’ attrici soffriet mhux biss it-telf tal-vettura *in kwistjoni*, izda qieghda ssoffri, ma’ kull jum illi jghaddi, it-

telf ta’ qligh mill-istess vettura, liema dannu jista’ biss jigi kwantifikat fil-jum illi fih jigu decizi l-proceduri odjerni;

Il-konvenut Mauro Anastasi, debitament interpellat sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta’ attrici, anke permezz ta’ ittra ufficcjali li kopja taghha hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. F, wiegeb *tramite* l-konsulent legali tieghu illi c-cwievet tal-vettura kienu thallew fiha biss minhabba *“emergenza”*, u dan skond ma jidher mir-risposta tal-konsulent legali tieghu li kopja taghha hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. G;

Ghalhekk, is-socjeta’ attrici giet rinfaccjata b’sitwazzjoni fejn iz-zewg konvenuti qieghdin jirrifjutaw illi jaghmlu tajjeb ghad-danni minnha sofferti, u ghalhekk kellha ssir il-prezenti kawza;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara illi minhabba t-telf tal-vettura tat-tip *Peugeot 206 X Line 5 1.4,* li kienet iggib in-numru ta’ registrazzjoni *VIK 311*, is-socjeta’ attrici soffriet danni kif fuq premess;

2. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghal tali danni hekk sofferti;

3. Tillikwida d-danni hekk sofferti, occorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu lill-istess socjeta’ attrici, id-danni kollha minnha sofferti u hekk likwidati.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-Att fuq l-ammont ta’ erbat elef, sitt mija u hamsin Lira Maltin (Lm4,650.00) u mid-data tas-sentenza fuq l-ammont bilancjali ta’ danni, kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' *Middle Sea Insurance plc* li *in forza* taghha eccepiet illi:

Preliminarjament dina l-Onorabbli Qorti m'hijiex kompetenti taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna, *stante* li bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta hemm fis-sehh klawsola ta' arbitragg.

Subordinatament, *in vista* tal-klawsola ta' arbitragg imsemmija fis-suespost, it-talbiet attrici huma intempestivi.

Subordinatament, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, u dana kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Is-socjeta' eccipjenti taghmel taghha l-eccezzjonijiet tal-konvenut Mauro Anastasi, safejn dawn japplikaw ghaliha.

Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat li l-konvenut Mauro Anastasi, ghalkemm debitament notifikat bl-att tac-citazzjoni, naqas li jressaq nota tal-eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici tat-18 ta' April, 2005, li *in forza* taghha cediet il-meritu fil-konfront tal-konvenut Anastasi, *stante* pagament fil-mori tal-kawza, izda zammet ferm il-kawza fil-konfront tas-socjeta' konvenuta *Middle Sea Insurance plc* dwar il-kap tal-ispejjez.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-27 ta' Mejju, 2005, li *in forza* tieghu hatret lill-Assistent Gudizzjarju, Dr. Claudine Mercieca Galea, sabiex tisma' l-provi kollha li jressqulha l-partijiet;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda mismugha mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat in-nota ulterjuri tas-socjeta' attrici tad-19 ta' Lulju, 2005, li *in forza* taghha cediet il-kap tal-ispejjez fil-konfront biss tal-konvenut Mauro Anastasi;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-karozzi li tikri lill-terzi is-socjeta' attrici fil-kors tan-negozju taghha, huma inxurjati mad-ditta konvenuta *Middle Sea Insurance plc*. Karozza partikolari, dik tal-marka *Peugeot 206* numru *VIK-311* inkriet lill-konvenut Mauro Anastasi. Waqt li din il-karozza kienet f'idejn dan Mauro Anastasi, il-karozza insterqet minn terzi injoti, u l-vettura baqghet ma gietx ritrovata. Sar *claim* lis-socjeta' assikuratrici, izda din ma riedetx thallas il-valur tal-karozza wara li irizultala li l-karozza insterqet peress li l-konvenut Mauro Anastasi kien halla c-cavetta fl-*ignition* tal-vettura. Hi allegat li dan sehh bi ksur tal-kondizzjoni numru 4 tal-Polza ta' Assikurazzjoni li torbot lill-assikurat jiehu l-passi kollha ragjonevoli sabiex jisvalagwardja l-vettura kontra hsara jew serq. Il-konvenut Mauro Anastasi ammetta li halla c-cavetta tal-vettura fl-*ignition*, izda qal li dan sehh *"as a result of an emergency"*.

Jidher li, fil-mori tal-kawza, il-konvenut Mauro Anastasi assuma r-responsabilita' tal-agir tieghu, u hallas lis-socjeta' attrici l-valur tal-karozza li kienet fil-kustodja tieghu. Wara li s-socjeta' attrici hadet il-kumpens li riedet, il-kawza giet ceduta fil-meritu, *pero'*, inzamm ferm il-kap tal-ispejjes fil-konfront biss tas-socjeta' assikuratrici *Middle Sea Insurance plc* (u dan peress li l-kap tal-ispejjes fil-konfront tal-konvenut Mauro Anastasi gie cedut ukoll).

Il-karozza *in kwistjoni* kienet inxurjata fully *comprehensive*, izda kienet soggetta ghal certi kundizzjonijiet, fosthom li l-assikurat *"shall take all reasonable steps to safeguard the motor vehicle from loss or damage"*. (Dwar il-validita' ta' kondizzjonijiet f'polza ta' assikurazzjoni, ara, fost ohrajn, "Formosa noe vs Barbara et", deciza minn din il-Qorti fid-19 ta' Frar, 1975). F'dan il-kaz jirrizulta li din il-kondizzjoni ma gietx onorata, peress li l-assikurat halla l-cavetta tal-karozza fl-*ignition* taghha, agir li huwa invit miftuh ghas-serq tal-istess karozza. L-assikurat allega li ghamel dan minhabba emergenza, *pero'*, ma giex muri lill-Qorti li dak li sehh kien rizultat ta' forza maggura fis-sens tal-ligi. Il-fatt li skond il-*Managing Director* tas-socjeta' attrici, l-assikurat qallu li halla c-cavetta fil-karozza *"bi zvista"* peress li kien ha lil xi hadd l-isptar, mhiex prova ta' forza maggura. Ix-xhieda mhux biss hi *hersay evidence,* izda ukoll ma giex spjegat lill-Qorti x'kienet in-natura tal-emergenza, b'mod li hi ma tistax taghmel ezami biex tara jinkonkorrux l-elementi ta' forza maggura (ara "Attard vs Mangion", deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Marzu, 2005, u "Rizzo et vs Dawson noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta' Mejju, 1953).

Is-socjeta' konvenuta kellha, ghalhekk ragun ma tonorax il-*claim* li saritilha. Ghat-telf li garbet is-socjeta' attrici minhabba l-*loss of use*, ukoll mhux responsabbli is-socjeta' konvenuta, peress li din mhux biss, kif inghad, ma kellhiex obbligu li taghmel tajjeb ghat-telf, izda, f'kull kaz, fil-polza ta' assikurazzjoni, hemm stipulat li s-socjeta' assikuratrici *"is not liable for loss of use"*. Hu veru li fil-kuntratt ta' kiri li s-socjeta' attrici kellhamal-konvenut Mauro Anastasi insibu li dan intrabat li jkun *"liable for loss of use"*, *pero'*, la darba s-socjeta' attrici accettat hlas minghandu ghas-saldu, ma tistax tipprova tirreklama dak li ma hadetx minghand il-klient debitur taghha minghand is-socjeta' assikuratrici li ma kienetx responsabbli lanqas ghal dan it-telf.

Fic-cirkostanzi, l-Qorti ma tarax li l-kawza kontra s-socjeta' *Middle Sea Insurance plc* giet b'xi mod sostnuta, u *kwindi*, l-ispejjes relattivi ghandhom jithallsu mis-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-meritu tal-kawza *stante* cessjoni, u dwar il-kap tal-ispejjez, tastjeni li tippronunzja ruhha dwar l-ispejjez tal-kawza fil-konfront tal-konvenut Mauro Anastasi, *stante* wkoll cessjoni, izda dwar l-ispejjez tas-socjeta’ konvenuta *Middle Sea Insurance plc* tiddeciedi li dawn ghandhom jigu sopportati mis-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------